**S.3.3.3**

# IL-ĦWIENET TA' DARI

*tagħrif dwar x'tip ta' ħwienet kien hemm dari*

**<u>Attività</u>**: Arad an il-vidjo fuq il-YouTube.

http://www.youtube.com/watch?v=NSqGsK7rKFs

Il-vidjo huwa silta minn sensiela tat-televixin nagħrufa ħafna, bl-isem ta' 'Wenzu u Rożi'. Il-biċċa l-kbira tax-xeni f'din is-sensiela kienu jinġibdu fil-ħanut tal-inbid magħruf bħala 'Ta' Krun'. Innutaw l-atmosfera li kien ikun hemm fil-ħwienet tal-inbid ta' dari.

Il-ħwienet tal-inbid kienu popolari ħafna fl-antik. L-iktar li kont tara fil-ħwienet tal-inbid kienu l-irġiel. Wara ġurnata xogħol fir-raba' jew fuq xi xogħol ieħor iebes, l-irġiel ma kienu jaraw xejn isbaħ milli jqattgħu xi siegħa fil-ħanut tal-inbid favorit tagħhom.





Fil-ħanut tal-inbid l-irġiel kienu jixorbu l-inbid u jitkellmu fuq kull suġġett. Hawnhekk kienu jiddiskutu l-problemi tagħhom, jitkellmu fuq il-politika, u jippjanaw il-festa tar-raħal. Il-ħwienet tal-inbid kienu postijiet soċjali, fejn l-irġiel kienu jiltaqgħu u jitkellmu fi gruppi.



Fil-ħwienet tal-inbid l-irġiel kienu jiltaqgħu ukoll biex jgħannu. L-għana kien passatemp importanti għall-Maltin ta' dari. L-għannejja kienu jkunu akkumpanjati mill-kitarri.



Kif għedna, l-għana Malti kien mod kif il-Maltin ta' dari kienu jgħaddu l-ħin liberu tagħhom. L-irġiel kienu jinġabru bieq iqabblu l-għana tagħhom fil-ħwienet tax-xorb, fil-pjazaz, ħdejn il-baħar, u kullimkien. Kienu jgħannu fuq kull suġġett li wieħed jista' jsemmi, bħal pereżempju fuq l-imħabba, fuq il-problemi tal-ħajja, fuq il-politika, u fuq kull suġġett ieħor li kien jinteressahom.

Parti importanti mill-Għana Malti kien dal l-għana li jissejjaħ 'Għana Spirtu Pront'.
F'dan it-tip ta' għana l-għannejja u l-kitarristi li kienu jakkumpanjawhom, ma kinux ikunu ppreparati. Kienu jiftiehmu fuq xi suġġett dak il-ħin stess u jibdew iqabblu l-versi fuqu. Għalhekk jissejjaħ 'spirtu pront'.
Ħafna minn dan l-għana kien jogħġobhom ħafna lill-Maltin, u dawn kienu jinġabru madwar l-għannejja jisimgħu l-għana, u bosta drabi jifirħu u jagħmlu l-briju magħhom.

Fl-ibliet u fl-irħula Maltin wieħed seta' jara ħafna tipi differenti ta' ħwienet. Dawn il-ħwienet jew kienu jbiegħu xi affarijiet li wieħed ikollu bżonn jew anke jagħtu xi servizz. Insemmu xi ftit minn dawn il-ħwienet.



**IL-BARBIER**

Għand il-barbier l-irġiel u t-tfal subien kienu jmorru jaqtgħu jew jirranġaw xagħarhom. Anke hawn l-irġiel kienu jiltaqgħu u jiddiskutu l-festa tar-raħal, il-politika u t-tiġrijiet tal-bhejjem tal-Imnarja.

**TAL-MERĊA**

Dan kien ħanut importanti ħafna għan-nies tal-belt jew tar-raħal; in-nisa kienu jixtru l-ħaxix u oġġetti tal-ikel oħra li kien ikollhom bżonn għall-familja tagħhom. Għand tal-merċa n-nisa kienu jiltaqgħu biex 'jgħidu kelma' u hekk isiru jafu l-aħħar aħbarijiet fuq in-nies tal-lokalità tagħhom.





**TAL-LAĦAM**

Minn hawnhekk kien jinxtara l-laħam frisk.



**TAŻ-ŻEBGĦA**

Dan il-ħanut aħna l-Maltin nafuh bħala 'Il-Ħanut taż-Żebgħa'. Hawnhekk wieħed isib jixtri dak kollu li jkollu bżonn biex ikun jista' jżomm id-dar tiegħu f'kunduzzjoni tajba.



**IL-MONTI**

Il-Maltin minn dejjem kienu jmorru fuq il-monti biex jixtru ħafna affarijiet. Anke l-lum, il-Maltin iħobbu jmorru xi dawra sal-monti. Insemmu meta jarma s-suq iż-Żurrieq (nhar ta' Ħamis), Marsaxlokk (il-Ħadd) u Ħal Qormi (is-Sibt).



**IR-REGETTIER**

Ir-*regettier* kien ħanut popolari ħafna fl-antik. Ir-regettier kien jakkwista oġġetti antiki u użati biex imbagħad ibiegħhom bi prezz baxx ħafna. Nistgħu ngħidu li b'dan il-mod kien ikun hawn inqas affarijiet li jintremew u allura kien hawn inqas bżonn fejn narmu.